**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni tal-Familja**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum, 11 ta' Settembru, 2020.**

**Rikors numru:- 31/2019 BS**

**IP**

**-vs-**

**MP**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' IP fejn espona:

Illi l-partijiet zzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (21.05.2010), fis-Sala tas-Saltna, il-Mosta, Malta, liema zwieg huwa debitament irregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dan kif jidher mic-certifikat anness u mmarkat Dok A;

Illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi l-imsemmi zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment u ilhom *de facto* separati ghal dawn l-ahhar erba' (4) snin sa minn Dicembru, 2015;

Illi l-partijiet huma anke separati legalment u l-kuntratt sar fl-atti tan-Nutar Joel Grima fit-tmienja (08) ta' Lulju, elfejn u ghoxrin (2020);

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi dawn ilhom separati minn xulxin u llum ghandhom hajja totalment indipendenti minn xulxin;

Illi l-partijiet ma ghandhom ebda oneru ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin;

Għaldaqstant l-istess rikorrent umilment talab illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet ;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien moghti lilu, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-Qorti sabiex id-divorzju jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta l-intimata in subizzjoni.

Rat ukoll in-nota ntavolata mill-intimata fejn hija tat ruhha b'notifikata bir-rikors promotur kif ukoll bl-avviz tas-smigh. Hija ddikjarat ukoll illi ma topponix ghat-talbiet imressqa mir-rikorrenti Ishmael Portelli pero' ma ghandhiex tbati spejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Irrizulta li l-partijiet ilhom għalhekk ghal aktar minn erba' snin mifrudin. Miz-zwieg taghhom ma kienx hemm tfal. Mill-atti rrizulta b'mod car ukoll li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli li l-partijiet jirrikonciljaw u ma hemm l-ebda pendenza bejniethom.

Rat għalhekk illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti.

**Decide.**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Reġistratur

Vera kopja

D/Reġistratur